

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 954/2013

tal-4 ta' Ottubru 2013

li jikkoreġi l-verżjonijiet biċ-Ċek u bil-Pollakk tar-Regolament (KE) Nru 828/2009 li jistpula r-regoli ddettalġati ta' applikazzjoni għas-snin tas-suq 2009/2010 sal-2014/2015 għall-importazzjoni u r-raffinar tal-prodotti taz-zokkor li jinsabu taħt l-intestatura tariffarja 1701 taħt ftehimiet preferenzjali

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) <sup>(1)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 156 tiegħu, flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1528/2007 tal-20 ta' Diċembru 2007 li japplika l-arranġamenti għall-prodotti li joriġinaw f'ċerti stati li huma parti mill-Grupp ta' Stati Afrikani, Karibej u Paċifiċi (AKP) previsti fi ftehim li jstabbilixxu, jew li jwasslu biex jiġu stabbiliti, Ftehim ta' Sħubija Ekonomika <sup>(2)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 9(5) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 <sup>(3)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 18(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Hemm żball fil-verżjonijiet biċ-Ċek u bil-Pollakk tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 828/2009 <sup>(4)</sup>, u b'mod aktar preċiż fl-Artikolu 11(1) tiegħu.

- (2) Hemm żball ieħor fil-verżjoni bil-lingwa Pollakka ta' dak ir-Regolament, b'mod iktar preċiż fil-Parti II tal-Anness I tiegħu.

- (3) Dawn l-iżbalji għandhom jiġu kkoreġuti b'effett mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 828/2009. L-obbligu impost mill-Artikolu 11(1) tal-verżjonijiet ta' dak ir-Regolament biċ-Ċek u bil-Pollakk fuq kull detentur ta' liċenzja tal-importazzjoni għaz-zokkor għandu jiġi rtirat b'mod retroattiv minħabba li dan għandu jiġi limitat għad-detentur oriġinali tal-liċenzja biss.

- (4) Ir-Regolament (KE) Nru 828/2009 għandu għalhekk jiġi kkoreġut skont dan.

- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Dan jikkonċerna biss il-verżjonijiet biċ-Ċek u bil-Pollakk.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika b'effett mill-14 ta' Settembru 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Ottubru 2013.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

<sup>(1)</sup> ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 348, 31.12.2007, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 303, 31.10.2012, p. 1.

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 828/2009 tal-10 ta' Settembru 2009 li jistpula r-regoli ddettalġati ta' applikazzjoni għas-snin tas-suq 2009/2010 sal-2014/2015 għall-importazzjoni u r-raffinar tal-prodotti taz-zokkor li jinsabu taħt l-intestatura tariffarja 1701 taħt ftehimiet preferenzjali (ĠU L 240, 11.9.2009, p. 14).